MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2014

Numru. 74/2010

# Il-Pulizija

# Spettur Maurice Curmi

# VS

# Mario Pisani, iben John u Mary nee' Ebejer, imwieled Birkirkara nhar is-26 ta' Lulju, 1960, residenti fil-fond numru 21, Flat 7, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 502660M;

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mario Pisani** li gie akkuzat talli:

1. F'Dicembru 2009 u fis-snin immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Joseph Xerri detentur tal-karta tal-identita' numru 567365M, ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, intbaghtu l-Artikoli li tahthom hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':

a. Fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawza u ezaminat ix-xhieda prodotti.

Xehed l-**Ispettur Maurice Curmi** li qal li kien ircieva rapport minghand Dr Cynthia Scerri Debono f'isem il-klijent taghha Joseph Scerri – dan dwar cheques u bills of exchange li ma gewx onorati mill-imputat, dawn koncernanti xi self ta' flus minn Scerri a favur l-imputat, u kambjali ffirmati li qatt ma gew onorati, anke in kwantu flus li Scerri kien ta lill-imputat minhabba xi negozju ta' karozzi. Qal ukoll l-Ispettur illi l-ammont dovut lil Scerri mill-imputat kien ta' circa erbgha u tletin elf hames mija u tmienja u erbghin Ewro (€34,548). Zied illi skont il-kwerela li saritlu l-imputat kien anke hareg xi cheques lil Scerri, post-dated, li kienu gew referred to drawer mill-bank ghax il-kont taghhom kien gie maghluq mill-bank. Skont l-Ispettur dan il-kont kien f'isem in-neputi tal-imputat certu Kevin Pisani. Anke skont dan ix-xhud anke saret skrittura privata fuq dan id-dejn bejn Scerri u l-imputat, pero lanqas dan ma gie onorat mill-imputat.

L-Ispettur kellem lill-imputat u hadlu anke stqarrija li giet ezebita bhala Dok MC2. Ezebixxa wkoll ix-xhud il-kwerela li rcieva minghand l-avukat imsemmi bhala Dok MC; id-dikjarazzjoni li ghamillu l-kwerelant Joseph Scerri bhala Dok MC1; images tac-cekkijiet li gew referred to drawer.

Ittella' ghalhekk jixhed il-kwerelant **Joseph Scerri**. Spjega dan illi kien jaf lill-imputat bhala habib u anke ghax it-tfal taghhom kienu johorgu flimkien. Xehed illi kien jaf li kellu problemi finanzjarji u ghenu fil-flus ghax forsi xi darba kien jigi fil-bzonn hu u forsi kien isib xi hadd min jghinu.

Beda billi tah elf lira Maltin (Lm1,000.00). Taghhom ried jaghtieh arlogg, pero l-kwerelant insista mieghu li hu ried biss irgulija. Qal illi baqa' jsellfu u anke ghax urieh xi karti tal-uzura, hu spicca li tah l-ammont ta' sitta u tletin elf Ewro (€36,000) fi zmien sena. Qallu f'dan l-istadju li ried xi forma ta' ftehim u ghalhekk iffirmaw ftehim privat quddiem nutar u anke kambjali. Qal ukoll illi qatt ma fetahlu kawza ghax kien jaf illi ma kellu xejn x'johodlu, allura serrah mohhu bil-Qorti Kriminali li ssir gustizzja.

Iddecieda li jahdem hekk. Qal illi l-flus tahomlu biss biex jghinu ghax kien jghidlu li kellu jaghti. Kien isemmilu n-nies li kellu jaghtiehom il-flus u jghidlu kif id-dejn kien qieghed jizdiedlu. Wasal li tah fuq hekk ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000.00). Qal illi wara beda jaghtieh il-flus biex jixtri xi karozza u jbieghha, u b'hekk jaqsmu l-profitt u xorta jkun qed jghinu. Hekk mieghu qala' xi haga zghira. Qal dan il-kwerelant illi negozju fil-karozzi ghamel ta' xi tliet (3) karozzi u dghajsa speed boat zghira. Zied illi anke biegh kollox u zamm kollox, cioe' l-flus hu. Qal illi at one stage l-kweralant biegh il-karozzi li kellhom bejniethom, u ta' dan hu ma ha xejn.

Zied illi dan, cioe' l-akkuzat, anke kien baghat terza persuna b'xi cifra zghira – circa mitt lira Maltin (Lm100.00), pero qal il-kwerelant illi hu dan it-tip ta' pagament ma accettahx, ried li jsiru kambjali.

Dwar cekkijiet ta' Kevin Pisani, xehed Scerri li dawn kien tahomlu Mario Pisani u li meta mar biex isarrafhom sab illi l-kont ta' Kevin Pisani kien maghluq.

Qal illi hu kien jaf lill-imputat bhala bniedem ibiegh il-karozzi, bniedem ta' stabbilita'. Prezenta wkoll ic-cekkijiet illi bihom kien prova jhallsu l-imputat – tmienja (8), mahrugin

fuq kont ta' Kevin Pisani, dawn cekkiijet li ma sarrafx. Ezebixxa wkoll il-ftehim illi sar bejnu u Mario Pisani, anke sensiela ta' kambjali.

Qal illi ebda pagament ma gie onorat, u li kien hemm anke zmien fejn l-akkuzat beda jibghat xi nies, terza persuna, jaghtieh xi mitejn Ewro (€200) 'l hawn u 'l hemm, baghtlu xi tliet pagamenti. Qal il-kwerelant illi kien qallu li hu ma ridx dan, ried illi l-affarijiet isiru bis-sewwa u li minn hemm 'il quddiem ma baghtlux iktar flus.

**Conrad Grech** hu l-firmatarju fuq il-ftehim li sar bejn Pisani, l-akkuzat, u Joseph Scerri – Dok JX2 folio 166, gia' ezebit minn Scerri. Xehed illi kien habib ta' Joseph Scerri, u li kien prezenti meta gie ffirmat il-ftehim. Kien xhud tal-firem. Qal illi l-ammont dovut qablu fuqu Scerri u Mario Pisani. Qabel illi l-ftehim kien skrittura ta' self bir-rati ta' interessi ffissati.

Xehed ukoll **Romuald Attard** f'isem il-bank, dan dwar il-kont ta' Kevin Pisani. Xehed illi dan kien overdraft account li nghalaq fit-18 ta' Awwissu, 2008 mill-bank u nqaleb ghal loan - prassi tal-bank meta l-kont ma jkunx qed jigi uzat b'mod sodisfacenti. Xehed illi dan il-kont kien operat minn Kevin Pisani. Ezebixxa anke l-statement tal-istess kont bhala Dok RA folio 81. Ezebixxa wkoll l-specimen signature ta' Kevin Pisani bhala Dok RA.

Rat ukoll l-istqarrija li giet rilaxxata mill-Ufficjal Prosekutur, stqarrija mehuda xahar qabel ma dahlu in vigore l-emendi dwar l-assistenza legali. Rat illi l-Avukat Difensur kien ezenta lill-Ufficjal Prosekutur milli jtella' xhieda dwar l-istqarrija,

allura dwar identita' u volontarjeta'. Rat illi din l-istqarrija giet anke mehuda bil-kawteli li riedet il-Ligi vigenti dak iz-zmien. Rat ukoll l-eta' tal-imputat fi zmien tal-istess – disgha u erbghin (49) sena. Rat illi ma giet ezebita Lilha ebda fedina penali.

Hawn taghmel referenza l-Qorti ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila**" tal-20 ta' Gunju, 2014, fejn intqal hekk dwar l-ezami ta' vulnerabbilita':

"*Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l pożizzjoni legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal- Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:*

*"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad Drittijiet tal- Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:*

*". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."*

*Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il pożizzjoni estrema.*

*Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva, din il-Qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat:*

*dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogate tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.*

*Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Ghar-ragunijiet esposti ghalhekk, il-Qorti tqis l-istqarrija bhala wahda ammissibbli.

Qal fl-istess illi hu ghalkemm kien jaf li kellu jaghti flus lil Joseph Xerri, ma kinx cert mill-ammont.

Qal illi hu kien issellef il-flus minghand Xerri ghax il-business tieghu kien mar hazin u kellu jnehhi kollox, u biex ihallas lin-nies issellef minghand Xerri.

Qal illi ma kinx jiftakar li lil Xerri kien qallu li ssellef flus b'uzura.

Ammetta li anke barra s-self kien jixtri l-karozzi hu, ghax kien hekk jifhem, dan biex jinnegozjahom, pero zied illi dan in-negozju kien finanzjat minn Joseph Xerri.

Qal illi gieli tah flus ta' dan il-bejgh, pero li fl-ahhar ma setax ikompli jtieh. Tefa' t-tort talli waqaf ihallas fuq il-mara tal-kwerelant, qal illi din bdiet tmur id-dar u titolbu hafna flus. Qal illi Xerri ma ridx li hu jibaghtlu flus – pagamenti, ma' terzi, u li hu ma ridx imur Xerri's Gardcen Centre biex ma jirrinfaccax il-mara ta' Xerri. Allura jghid li ma marx aktar. Jghid illi kieku ma ndahlitx il-mara ta' Xerri "*……kieku s'issa probabbli hallastu kollox.*" (folio 46)

Dwar ic-cekkijiet mahruga fuq il-kont ta' Kevin Pisani qal illi hu kien qieghed izarma d-dar tieghu u Kevin ried imur jixtri l-ghamara. Ghaddielu dawn ic-cekkijiet bhala pagament. Kevin kien neputieh. Qal illi meta dan Kevin tah ic-cekkijiet, il-kont li hargu fuqu kien ghadu miftuh. Qal illi kien hu li kiteb id-dati u l-ammonti fuq dawn, pero li l-firma kienet ta' Kevin. Qal illi ntestahom lil haddiehor mhux lilu nnifsu ghax ma kinx bi hsiebu jzomm hu l-flus.

Qal illi n-neputi ghalaq il-kont wara li tah ic-cekkijiet u ghamel dan ghax ma kinx tah l-ghamara kollha li kien xtara minghandu, ghax kien hemm mandat ta' qbid fuq l-istess ghamara.

Qal illi hu kien ser jipprova ihallas lil Xerri meta jbiegh id-dar.

Ikkunsidrat:

Ili l-Artikoli addebitati huma dawk ta' misapproprijazzjoni ndebita bl-aggravji.

L-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> "*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
>
> *Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*"

A differenza tar-reat ta' serq, il-Ligi hawn taghti definizzjoni cara ta' x'jikkostitwixxi r-reat ta' misapproprijazzjoni ndebita. Element certament differenti mir-reat ta' serq huwa li l-haga, l-oggett, mehuda, tkun fil-kaz ta' misapproprijazzjoni giet fdata lill-agent mis-sid, pero dejjem taht l-obbligu li jsir uzu specifikat minnha jew taht titolu li jgib l-obbligu mieghu tar-radd tal-haga. Bhas-serq pero, u hawn il-Qorti timxi mad-definizzjoni ta' dan ir-reat adottata fil-gurisprudenza taghna – dik ta' Carrara, anke dan ir-reat in ezami biex jigi kostitwit jinhtieg il-gwadann, il-"*lucro*". Carrara, anke kif jghid il-Mamo, jiddeskrivi dan bhala l-*animo lucrandi*. Il-Ligi fl-Artikolu in ezami titkellem fuq "*minn japproprja ruhu, billi*

*jdawwar bi profitt ghalih jew ghal terz*”, certament mela jinhtieg l-element tal-gwadann.

Ikkunsidrat:

Jirrizulta ben car mill-provi migjuba b’mod specjali mix-xhieda ta’ Xerri, li hu sellef somma kbira ta’ flus lill-imputat. Dan jirrizulta anke minn dak illi qal l-istess imputat fl-istqarrija. Oltre dan, kemm Xerri kif ukoll l-imputat jitkellmu dwar negozju ta’ karozzi li dahlu fih bejniethom b’dan illi kien Xerri li kien qed jiffinanzja dan in-negozju.

Mela bejn dawn il-partijiet inholqu zewg sitwazzjonijiet - wahda ta’ self ta’ flus bla interessi, u ohra finanzjarjamant ta’ negozju li minnu Xerri kien qed jippretendi li jaqla’ l-qliegh meta jinbieghu l-vetturi.

Ghandu wkoll jigi puntwalizzat li ebda wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet ma giet negata mill-imputat. Accetta hu kemm il-fatt tas-self kif ukoll in-negozju tal-karozzi, anzi jghid illi kien hu li kien jiggestixxi dan in-negozju ghax kien jifhem, mentri Xerri kien biss jiffinanzjah.

Kif gia’ qalet il-Qorti, biex jigi kostitwit, dan ir-reat, apparti l-oggett moghti mis-sid lill-agent, l-ghoti tal-pussess, f’dan il-kaz flus, jinhtieg illi ma’ dan l-ghoti jkun car l-obbligu jew ta’ radd il-hajr jew li jsir minnn dawn il-flus uzu taghhom specifikat.

Is-self ta' flus f'ammonti diversi li sar lil Pisani sar biss bl-intenzjoni li dawn jigu restitwiti, anke jekk bla interessi. Xerri kien jaf illi l-imputat kien ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji, ghazel illi jghinu u baqa' jaghtieh il-flus nonostante li forsi gia' l-imputat ma kinx dejjem adempjenti, tant illi s-somma telghet ghal fuq minn tletin elf Ewro (€30,000). Sa hawn ma jidhirx illi anke jekk kien hemm inadempjenza ta' hlas, li Pisani kellu l-intenzjoni li jaghmel xi gwadann minn fuq Xerri. Caso mai, kieku baqa' johodlu l-flus bi pretensjonijiet foloz, aktar kien ikun kaz ta' frodi taht l-Artikoli 308, 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, pruvata l-"*messa in scena*".

Minn naha l-ohra, jidher illi s-sitwazzjoni hija differenti fejn jidhol in-negozju tal-karozzi. Tajjeb jew hazin, Xerri baqa' jafda lil Pisani, anki kif jghid hu stess bil-hsieb illi jekk jghinu jigbor flusu. Pisani pero, issa bl-iskuza tal-mara ta' Xerri, ghazel illi ma jibqax ihallas. Mhux talli hekk, talli biegh il-vetturi u speed boat u arbitrarjamenet zamm il-qliegh ghalih mhux darba, izda tnejn, tlieta. Ftit jista' jghid hawn illi ma kellux l-"*animo lucrandi*, ghax baqa' jaghmel l-istess u ma jaqsamx il-profitt!

Jista' jargumenta wkoll l-Avukat Difensur illi hawn si tratta biss ta' lanjanza civili wkoll, pero certament din ma teskludix ir-reita' da parti ta' Pisani.

Ghaldaqstant il-Qorti, qieghda ssib htija ta’ Mario Pisani ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat dwar il-piena anke l-iskrittura privata ezebita bhala Dok JX2 (minnhom it-tnejn iffirmata), fejn jirrizulta li l-flus dovuti fil-konfront tan-negozju jammonta ghas-somma ta’ sitt elef mija u tnejn u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,172.84), u b’dan qieghda tikkundanna lil Mario Pisani ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt (3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u ghal Ordni ta’ Restituzzjoni ghas-somma ta’ sitt elef mija u tnejn u sebghin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,172.84), u dan ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

Tigbed ukoll l-attenzjoni, illi mbilli l-Qorti ma ssibx htija fil-kaz tas-somma kollha dovuta, m’ghandux jiftiehem minn Mario Pisani li gie mehlus mill-obbligu tal-hlas lil Xerri tas-somma kollha dovuta.

Il-Qorti fehmet lill-imputat bl-import ta’ sentenza sospiza u Ordni ta’ Restituzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------